Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 24 ta' Novembru 2023**
**(OR. en)**

**15986/23**

| | |
|---|---|
| **DEVGEN 218** | **DIGIT 280** |
| **FIN 1246** | **COLAC 155** |
| **ACP 125** | **COEST 639** |
| **RELEX 1390** | **SAN 700** |
| **MIGR 418** | **GENDER 210** |
| **SUSTDEV 154** | **CLIMA 597** |
| **COHOM 223** | **ENER 640** |
| **COAFR 422** | **MAMA 176** |
| **COASI 208** | |

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 21 ta' Novembru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 717 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport Annwali tal-2023 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2022 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 717 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 717 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.11.2023
COM(2023) 717 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Rapport Annwali tal-2023**

**dwar l-implimentazzjoni tal-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2022**

{SWD(2023) 357 final}

MT MT

# Werrej


IMPENJI GLOBALI ........ 1

Introduzzjoni ........ 1

Rispons tal-UE għall-gwerra ta’ aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ........ 2

UE: attur globali aktar b’saħħtu ........ 3

Global Gateway ........ 4

It-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli ........ 5

IL-PRIJORITAJIET GLOBALI ........ 5

L-iżvilupp tal-bniedem ........ 5

Patt Ekoloġiku ........ 6

Id-diġitalizzazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni ........ 7

It-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi. ........ 8

Migrazzjoni u ċaqliq sfurzat ........ 9

Governanza, paċi, sigurtà u drittijiet tal-bniedem ........ 9

FIRXA GLOBALI ........ 9

Afrika Sub-Saħarjana ........ 9

L-Asja u l-Paċifiku ........ 10

Amerka Latina u Karibew ........ 11

Il-Viċinat Ewropew ........ 11

Il-Balkani tal-Punent u t-Turkija ........ 12

Il-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej (PTEE) ........ 12

# IMPENJI GLOBALI

## Introduzzjoni

Fl-2022, hekk kif id-dinja kompliet tirkupra mill-pandemija tal-COVID-19, il-komunità internazzjonali kellha tiffaċċja kriżi ġdida bil-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-konsegwenzi li din kellha. L-aggressjoni tar-Russja ħolqot emerġenza umanitarja kbira, żieda fil-prezzijiet globali tal-ikel li kompliet, li min-naħa tagħha kompliet taggrava l-insigurtà globali tal-ikel, u kriżi tal-enerġija fit-tul.

L-UE, permezz tal-istrumenti ta’ azzjoni esterna u s-sħubijiet internazzjonali tagħha, wieġbet għall-impatt tal-gwerra billi żiedet l-appoġġ politiku, umanitarju u finanzjarju tagħha għall-Ukrajna u l-pajjiżi ġirien, filwaqt li saħħet ukoll l-appoġġ tagħha għal sħab oħra, speċjalment dawk l-inqas żviluppati u l-aktar vulnerabbli.

Dan ir-rapport jiddeskrivi l-elementi ewlenin tal-appoġġ finanzjarju li l-UE pprovdiet għas-sħubijiet internazzjonali, l-għajnuna umanitarja, il-politika barranija u t-tkabbir fl-2022. Taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021–2027, strument uniku, l-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali), jintegra l-biċċa l-kbira tal-istrumenti ta’ finanzjament estern preċedenti u huwa kkomplementat minn ftit strumenti mmirati bħall-għajnuna umanitarja u l-Istrument għall-Assistenza ta’ Qabel l-Adeżjoni (IPA III)[1]..

L-2022 rat il-bidu tal-implimentazzjoni tal-**Global Gateway tal-UE**[2] biex tingħata spinta lill-konnettività sostenibbli permezz ta’ investiment fl-infrastruttura madwar id-dinja f’ħames oqsma ta’ prijorità, abbażi ta’ approċċ ta’ “Tim Ewropa”[3]. Taħt din l-istrateġija, l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana adottaw il-pakkett ta’ investiment Afrika-Ewropa[4].

Bħala parti mill-Global Gateway, l-UE kompliet timplimenta **Pjanijiet Ekonomiċi u ta’ Investiment** għar-reġjuni tal-Viċinat u tat-tkabbir, iffukati fuq kumpaniji żgħar u ta’ daqs medju u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant, u fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, il-konnettività u l-appoġġ għas-settur privat fil-Viċinat tan-Nofsinhar.

L-UE kompliet tipprovdi **għajnuna umanitarja** biex ittaffi t-tbatija ta’ miljuni mill-aktar persuni vulnerabbli madwar id-dinja. Fl-2022, l-UE stabbiliet **il-Kapaċità ta’ Rispons Umanitarju Ewropew** biex iżżid il-kapaċità immedjata għal rispons umanitarju f’każ ta’ diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem li jseħħu ħesrem.

L-assistenza tal-UE fil-qasam tat-tkabbir appoġġat l-iżvilupp rurali u l-investiment f’oqsma ewlenin bħat-trasport, is-sigurtà tal-enerġija, u t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. F’Ġunju, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa li l-futur **tal-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia** jinsab fi ħdan l-UE, u ta status ta’ kandidat **lill-Ukrajna u lill-Moldova**.

---

[1] Għad-dettalji, ara l-Parti I tad-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal, Introduzzjoni, li jakkumpanja dan ir-Rapport Annwali.
[2] https://international-partnerships.ec.europa.eu/policies/global-gateway_mt
[3] L-ikkombinar tar-riżorsi tal-UE ma’ dawk tal-Istati Membri tal-UE u tal-istituzzjonijiet Ewropej tal-finanzi għall-iżvilupp.
[4] Ara p. 4.

L-UE kompliet l-appoġġ tagħha **għad-demokratizzazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem**, billi bagħtet sitt missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali (il-Kolombja, il-Kenja, il-Libanu, il-Lesoto, São Tomé u Príncipe u Timor Leste) u wettqet missjonijiet ta' segwitu fi tmien pajjiżi.

L-UE affermat mill-ġdid l-impenn tagħha għas-**sigurtà globali**, u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi appoġġat il-paċi f'pajjiżi u reġjuni sħab bħall-Mozambique, in-Niġer, in-Niġerja, is-Somalja, il-Moldova u l-Balkani tal-Punent.

L-UE kompliet tappoġġa lill-pajjiżi biex jegħlbu l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u nediet **strateġija globali ġdida dwar is-saħħa**[5] biex ittejjeb is-sigurtà tas-saħħa globali u tipprovdi saħħa aħjar għal kulħadd. L-UE rrispondiet ukoll għal epidemiji lokalizzati oħra, bħat-tifqigħat il-ġodda tal-Ebola u tal-kolera u l-emerġenza tal-ġidri tax-xadini.

Fl-2022, l-UE u l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP) avvanzaw lejn l-iffirmar tal-**Ftehim ta' "wara Cotonou"**[6]. Sadanittant, il-ftehim ta' sħubija ta' Cotonou ġie estiż sa nofs l-2023.

## Rispons tal-UE għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

Ir-rispons tal-UE għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kien magħqud, determinat, u immedjat. Is-27 Stat Membru u s-sħab tagħhom madwar id-dinja **kkundannaw il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata**, filwaqt li aġixxew malajr biex jiżolaw lir-Russja politikament u ekonomikament. L-UE kkundannat ukoll il-ksur li kien irrapportat tad-dritt umanitarju internazzjonali.

Sabiex turi l-appoġġ sod tagħha għall-Ukrajna, l-UE żiedet l-appoġġ politiku, umanitarju u finanzjarju għall-pajjiż. Matul l-2022, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-G7 u sħab oħra, l-UE adottat disa' pakketti ta' sanzjonijiet bla preċedent kontra persuni u entitajiet responsabbli għall-invażjoni, immirati lejn setturi finanzjarji, tal-enerġija u tat-trasport Russi ewlenin u intrapriżi tal-istat, u li rriżultaw f'assi ffriżati fl-UE ta' madwar EUR 24,1 biljun.

Id-**Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja** ġiet attivata għall-ewwel darba biex tipprovdi protezzjoni immedjata lil kważi 4 miljun persuna mġiegħla jaħarbu mill-Ukrajna (minbarra aktar minn 6,6 miljun persuna spostati fl-Ukrajna nnifisha). It-traffikar tal-bnedmin ġie fil-biċċa l-kbira evitat bl-implimentazzjoni ta' pjan komuni tal-UE kontra t-traffikar, biex jiġu protetti dawk li jaslu fl-UE.

B'approċċ ta' "Tim Ewropa", l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji **mmobilizzaw EUR 18,9-il biljun[7] f'assistenza finanzjarja**, appoġġ baġitarju u għajnuna umanitarja. Ġew mobilizzati wkoll EUR 3,1 biljun f'appoġġ militari permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi u ġiet stabbilita missjoni ta' assistenza militari tal-UE għall-forzi armati Ukreni b'baġit ta' aktar minn EUR 100 miljun. Wara l-attivazzjoni mill-Ukrajna tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili fi Frar, aktar minn 80 000 tunnellata ta' assistenza *in natura* twasslu fl-2022, b'valur stmat ta' EUR 502 miljun.

It-EUR 330 miljun f'finanzjar b'għotjiet **għenu r-rispons ta' emerġenza** f'oqsma bħall-akkomodazzjoni u t-tiswija tal-infrastruttura kritika, inkluż fil-qafas tal-korsiji ta' solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna, it-

[5] https://health.ec.europa.eu/internationalcooperation/global-health_en
[6] https://international-partnerships.ec.europa.eu/policies/european-development-policy/acp-eu-partnership_en
[7] Bl-esklużjoni tas-sehem tal-appoġġ tal-BERŻ mhux kopert direttament mill-garanziji tal-UE.

trasformazzjoni diġitali reżiljenti u ċ-ċibersigurtà, u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni. Programmi oħrajn tal-UE, b'valur ta' kważi EUR 200 miljun, ingħataw ukoll skop ġdid biex jindirizzaw il-konsegwenzi tal-gwerra.

L-iżborżi totali ta' assistenza tal-UE ammontaw għal EUR 10,1 biljun[8], li EUR 7,2 biljun kienu f'assistenza makrofinanzjarja u EUR 686 miljun kienu f'appoġġ baġitarju dirett.

Is-**sikurezza nukleari** kienet ta' tħassib kbir minħabba l-imġiba irresponsabbli tar-Russja fil-faċilitajiet nukleari tal-Ukrajna u madwarhom. Il-Kummissjoni mmobilizzat l-Istrument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari biex tindirizza b'mod urġenti l-qerda kkawżata, b'mod partikolari fiż-żona ta' esklużjoni ta' Chernobyl. L-appoġġ tal-UE kien jinkludi EUR 5 miljun għal assistenza bilaterali għar-restawr tal-kapaċitajiet ta' monitoraġġ, u kontribuzzjoni ta' EUR 5 miljun għall-Kont Internazzjonali ta' Kooperazzjoni ta' Chernobyl għar-rikostruzzjoni ta' infrastruttura relatata mas-sikurezza nukleari. EUR 3,4 miljun addizzjonali appoġġaw lill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika, inkluż il-preżenza tagħha f'siti nukleari kritiċi fl-Ukrajna.

L-imblokk Russu tal-esportazzjonijiet Ukreni u l-qerda tal-għelejjel aggravaw il-kriżi globali tal-ikel. L-għadd ta' persuni b'i**nsigurtà akuta tal-ikel** laħaq livell rekord ta' madwar 258 miljun fl-2022[9].

Bl-użu ta' approċċ komprensiv ta' "Tim Ewropa", l-UE żiedet l-appoġġ tagħha għas-**sigurtà tal-ikel** u appoġġat l-aktar pajjiżi affettwati fl-Afrika, fil-Lvant Nofsani, fil-Karibew u fil-Paċifiku, inkluż permezz tal-faċilitazzjoni tal-esportazzjonijiet Ukreni permezz tal-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna. Dan ir-rispons unifikat għall-insigurtà globali tal-ikel għandu jimmobilizza madwar EUR 18-il biljun fl-2021–2024, li minnhom EUR 8,3 biljun mill-Istituzzjonijiet tal-UE u madwar EUR 9,6 biljun mill-Istati Membri. Fl-2022, l-Istituzzjonijiet tal-UE żborżaw madwar EUR 2,6 biljun għall-ġlieda kontra l-insigurtà globali tal-ikel, inkluż madwar EUR 1 biljun f'assistenza umanitarja tal-ikel[10].

L-UE żiedet ukoll l-isforzi biex tindirizza n-nuqqasijiet globali ta' fertilizzanti enfasizzati fil-Komunikazzjoni dwar il-Fertilizzanti ppubblikata f'Novembru[11].

## UE: attur globali aktar b'saħħtu

F'sena ta' inċertezza dejjem akbar, l-UE baqgħet mutur tal-multilateraliżmu u wieġbet b'mod effettiv għall-isfidi globali, billi mexxiet politika ambizzjuża tal-Viċinat, ippromoviet is-solidarjetà u żviluppat sħubijiet komprensivi biex tiżgura u tippromwovi l-paċi, l-istabbiltà, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.

L-Istati Membri tal-UE affermaw mill-ġdid ukoll l-impenn tagħhom li jerfgħu responsabbiltà akbar għas-sigurtà u d-difiża Ewropea, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali, biex jipproteġu l-interessi u l-valuri komuni.

---

[8] Mingħajr ma jitqies l-għoti ta' skop ġdid lil azzjonijiet relatati mal-kunflitti.

[9] https://www.fsinplatform.org/global-report-food-crises-2023

[10] Dan l-ammont jinkludi assistenza umanitarja għall-appoġġ għall-ikel, in-nutrizzjoni u l-għajxien, kif ukoll 50 % tal-programmi umanitarji ta' flus kontanti bi skopijiet multipli (perċentwal ta' trasferimenti ta' flus kontanti bi skopijiet multipli stmat li jintefaq fuq oġġetti tal-ikel, abbażi ta' studju mwettaq mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO) fl-2023).

[11] COM(2022) 590 final/2 tad-9 ta' Novembru 2022.

L-UE u s-27 Stat Membru tagħha, f'approċċ ta' "Tim Ewropa", kollettivament jibqgħu l-akbar fornitur ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (official development assistance, ODA) bi EUR 92,8 biljun fl-2022[12], li jammontaw għal 43 % tal-ODA[13] globali (li jirrappreżentaw 0,59 % tal-introjtu nazzjonali gross).

L-UE u l-Istati Membri tagħha żiedu l-assistenza lill-pajjiżi sħab, filwaqt li żguraw li l-appoġġ għall-Ukrajna ma jingħatax għad-detriment tal-bqija tad-dinja.

L-ewwel **Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u n-Nazzjonijiet Uniti (NU)** immexxi mill-President von der Leyen u s-Segretarju Ġenerali tan-NU Guterres sar f'Lulju. Huwa kkonferma l-objettivi komuni tagħna u l-valur li naħdmu flimkien biex nindirizzaw l-isfidi globali.

L-UE mmobilizzat EUR 2,6 biljun f'għajnuna umanitarja biex tgħin tindirizza l-ħtiġijiet urġenti tal-popolazzjonijiet affettwati madwar id-dinja. L-UE, l-Istati Membri, il-BEI u l-BERŻ, f'approċċ ta' "Tim Ewropa", jibqgħu donatur umanitarju globali ewlieni, inkluż għal "emerġenzi minsija" bħall-karestija fis-Saħel.

L-UE u l-Istati Membri tagħha baqgħu minn ta' quddiem fis-**solidarjetà internazzjonali fir-rigward tal-COVID-19** billi pprovdew 502,2 miljun doża tal-vaċċin lill-pajjiżi sħab. Minn dawn, 422 miljun doża ġew kondiviżi permezz tal-COVAX u 80,2 miljun doża b'mod bilaterali.

L-implimentazzjoni tal-inizjattiva Global Gateway dwar **il-manifattura u l-aċċess għall-vaċċini, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa fl-Afrika** mxiet 'il quddiem malajr u tħabbret inizjattiva biex jiġu appoġġati sforzi simili fl-Amerika Latina u fil-Karibew.

L-UE u l-Istati Membri tagħha komplew ukoll imexxu l-isforzi globali biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u l-isfidi ambjentali, u l-UE tibqa' l-akbar fornitur dinji ta' finanzjament internazzjonali pubbliku għall-klima b'EUR 5,340 biljun matul il-perjodu 2021–2022.

## Global Gateway

Matul l-2022, il-Kummissjoni, b'ħidma mill-qrib ma' atturi oħra f'approċċ ta' "Tim Ewropa", kompliet timplimenta l-**istrateġija Global Gateway**[14] bit-tnedija ta' pakketti ta' investiment ewlenin tal-Global Gateway u inizjattivi ta' Tim Ewropa.

L-ewwel laqgħa tal-**Bord tal-Global Gateway**, saret fl-11 ta' Diċembru, ippreseduta mill-President von der Leyen u laqqgħet flimkien il-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri.

Bħala pass importanti lejn il-mobilizzazzjoni tal-investiment ippjanat ta' EUR 300 biljun sal-2027, il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' garanzija b'valur ta' EUR 26,725 biljun mal-Bank Ewropew tal-Investiment għall-investiment pubbliku taħt il-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+)**. Barra minn hekk, il-Kummissjoni allokat EUR 8,45 biljun[15] f'garanziji finanzjarji li jkopru l-investimenti tas-settur privat assenjati taħt l-EFSD+ biex tappoġġa 56 programm ta' investiment proposti fil-Balkani tal-Punent u fit-Turkija, fir-reġjuni tal-Viċinat u fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Amerika Latina, fl-Asja u fil-

[12] Abbażi ta' *data* preliminari tal-2022 mill-OECD, ippubblikata fir-rebbiegħa tal-2023.
[13] ODA globali hawnhekk hija definita bħala li tinkludi ODA rappurtata mill-UE kollettivament u mill-pajjiżi donaturi l-oħra kollha.
[14] https://international-partnerships.ec.europa.eu/policies/global-gateway_mt
[15] Id-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA) alloka EUR 6,05 biljun u d-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR) alloka EUR 2,4 biljun.

Paċifiku. Dawn il-garanziji tas-settur privat jistgħu jiġġeneraw investiment b'valur ta' aktar minn EUR 67 biljun.

L-investimenti ewlenin f'din l-ewwel sena ta' implimentazzjoni jinkludu t-tisħiħ tal-konnettività diġitali bejn l-UE u s-sħab tagħha, iż-żieda fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, l-aċċess għal finanzjament għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u l-espansjoni tal-aċċess għall-vaċċini, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa u l-kapaċità tal-manifattura tagħhom.

Bħala l-ewwel riżultat tal-Global Gateway, is-sitt Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana (UA) fis-17–18 ta' Frar ħabbar **pakkett ta' investiment bejn l-Afrika u l-Ewropa**, li se jimmobilizza investiment b'valur ta' mill-inqas EUR 150 biljun sal-2027, inkluż EUR 28 biljun f'għotjiet.

Fir-reġjuni tal-Viċinat u tat-tkabbir, tliet Pjanijiet Ekonomiċi u ta' Investiment reġjonali qed jgħinu fl-implimentazzjoni tal-Global Gateway b'84 proġett ewlieni li jimmobilizzaw sa EUR 77 biljun ta' investiment sal-2027. Proġetti ta' infrastruttura fuq skala kbira huma implimentati fil-Balkani tal-Punent u fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, bħall-kuritur ferrovjarju VIII bejn il-Maċedonja ta' Fuq u l-Bulgarija, il-kejbil tal-elettriku taħt il-baħar tal-Baħar l-Iswed bejn il-Georgia u r-Rumanija, u l-kejbil fibrottiku sottomarin Medusa li jgħaqqad l-Afrika ta' Fuq ma' Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru u l-Portugall.

### It-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli

Il-prijoritajiet tal-UE għal azzjonijiet ta' żvilupp — l-iżvilupp uman; il-Patt Ekoloġiku; it-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi diċenti; diġitalizzazzjoni; l-inugwaljanzi, il-migrazzjoni; u l-governanza, il-paċi u s-sigurtà — jgħinu lis-sħab internazzjonali biex jintlaħqu l-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli** tan-NU.

L-UE u l-Istati Membri tagħha kkonsolidaw l-impenn tagħhom li jiksbuhom inkluż permezz tal-introduzzjoni tal-istrateġija **Global Gateway**, li tikkontribwixxi għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kollha permezz tal-prijoritajiet ta' investiment tagħha.

Fl-2022, il-Kummissjoni integrat b'mod attiv l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-**Qafas ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-UE**[16].

## IL-PRIJORITAJIET GLOBALI

### L-iżvilupp tal-bniedem

Sfidi bla preċedent, inkluż il-kunflitt, it-tibdil fil-klima, il-pandemiji tas-saħħa u l-kriżi globali siekta fil-qasam tal-edukazzjoni, reġġgħu lura l-progress fl-iżvilupp tal-bniedem u żiedu l-inugwaljanzi f'dawn l-aħħar snin. Fl-2022, l-UE rduppjat l-isforzi tagħha f'diversi oqsma ta' azzjoni.

Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa għal prevenzjoni, tħejjija u rispons aħjar biex nindirizzaw kriżijiet tas-saħħa futuri. Fit-30 ta' Novembru tnediet **strateġija ġdida tal-UE għas-saħħa globali**[17], bħala parti mill-istrateġija Global Gateway, li tenfasizza l-importanza ta' sistemi tas-saħħa funzjonali u inklużivi u l-ħtieġa li tiġi indirizzata t-tħejjija għas-sigurtà tas-saħħa, filwaqt li jittejjeb l-aċċess ekwu

[16] https://commission.europa.eu/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation_mt
[17] https://health.ec.europa.eu/internationalcooperation/global-health_en

għall-vaċċini, il-mediċini u t-teknoloġiji mediċi, u tingħata spinta lill-kapaċità li dawn jiġu prodotti. Fl-2022, l-UE wiegħdet EUR 715-il miljun[18] għall-Fond Globali.

Il-Kummissjoni kompliet bl-**interventi ta' protezzjoni soċjali** f'10 pajjiż u, permezz ta' żewġ faċilitajiet globali, iffukat fuq il-bini ta' sistemi, id-diġitalizzazzjoni u r-reġistru, u skemi speċifiċi ta' protezzjoni soċjali għan-nisa u l-ħaddiema informali.

F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar il-Ġeneru III, l-UE kompliet tippromwovi azzjoni umanitarja reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru u **ugwaljanza bejn il-ġeneri**. Enfasizzat kwistjonijiet relatati man-nisa, il-paċi u s-sigurtà f'fora multilaterali u reġjonali rilevanti u fi djalogi bilaterali. It-tisħiħ tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri kompla, anke permezz ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni.

L-UE kompliet tipproteġi t-tfal u drittijiethom madwar id-dinja, inkluż tfal f'konflitti armati. B'dan il-mod, hija ssodisfat l-impenji tagħha skont l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal għall-2021–2024[19].

Filwaqt li jirrappreżentaw aktar minn 1,8 biljun individwu, iż-żgħażagħ huma aġenti ewlenin tal-bidla, li jgħinu biex jissawru soċjetajiet aktar reżiljenti, inklużivi u prosperi globalment. F'Ottubru, il-Kummissjoni adottat l-ewwel **Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ fir-relazzjonijiet esterni tal-UE**[20] biex tinvolvi, tagħti s-setgħa u tgħaqqad liż-żgħażagħ globalment.

Imnedija f'Mejju, l-**inizjattiva reġjonali "Impjiegi permezz tal-kummerċ u l-investiment" tat-Tim Ewropa** fil-Viċinat tan-Nofsinhar tappoġġa approċċ olistiku għall-ħolqien tal-impjiegi billi tlaqqa' flimkien inizjattivi li jorbtu l-kummerċ, l-investiment, u l-intraprenditorija mal-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-kapital uman.

L-**edukazzjoni** kompliet tkun qasam ewlieni fir-relazzjonijiet esterni tal-UE. L-UE ħadmet biex tiżgura d-dritt għall-edukazzjoni għal kull tifel u tifla, inklużi t-tfal u ż-żgħażagħ milqutin minn kunflitti, kriżijiet u emerġenzi umanitarji. L-UE allokat 10 % mill-baġit tagħha għall-għajnuna umanitarja għall-edukazzjoni f'kuntesti ta' emerġenza. L-UE ġiet rikonoxxuta bħala **promotur globali għall-edukazzjoni** fis-Summit tal-UE dwar it-Trasformazzjoni tal-Edukazzjoni f'Settembru.

L-investiment tal-UE ffoka fuq l-għalliema, **sistemi edukattivi aktar ekwi u inklużivi**, u fuq ħiliet li se jippermettu lill-pajjiżi sħab jagħmlu l-aħjar użu mit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

## Patt Ekoloġiku

Fis-27 konferenza tal-partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-**Tibdil fil-Klima** (UNFCCC COP27), l-UE ppreżentat inizjattivi ewlenin biex tappoġġa lill-pajjiżi sħab biex itaffu u jirrispondu għat-tibdil fil-klima. Flimkien mal-Unjoni Afrikana, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza u n-Netherlands, nediet l-inizjattiva ta' Tim Ewropa dwar l-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima fl-Afrika, li tiġbor flimkien programmi eżistenti u ġodda ta' adattament għat-tibdil fil-klima b'valur ta' aktar minn EUR 1 biljun.

[18] Għall-perjodu 2023-2025.
[19] https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/rights-child/eu-strategy-rights-child-and-european-child-guarantee_mt
[20] https://international-partnerships.ec.europa.eu/policies/youth/youth-action-plan_en

Biex tgħin fl-eliminazzjoni gradwali tal-faħam, l-UE, flimkien mas-sħab tagħha tal-G7, iffirmat **Sħubijiet għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija** (JETP) mal-Indoneżja u l-Vjetnam u għamlet progress fl-implimentazzjoni tal-JETP mal-Afrika t'Isfel. Flimkien mal-Ġermanja, l-UE nediet ukoll pjattaforma globali għar-reġjuni tal-faħam biex tappoġġa tranżizzjoni ekonomika ġusta permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u n-networking.

Sa tmiem l-2022, l-UE kienet ipprovdiet appoġġ tekniku lil 29 pajjiż sieħeb biex ifasslu, jaġġornaw u jimplimentaw il-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali u l-pjanijiet ta' adattament nazzjonali. Permezz tad-djalogi tagħha dwar il-klima u l-enerġija, l-UE tkellmet mal-Istati Uniti, l-Indja, iċ-Ċina u emittenti ewlenin oħra, dwar politiki ta' tranżizzjoni tal-enerġija, l-aħjar prattiki u teknoloġiji ekoloġiċi biex tħaffef l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli u tippromwovi l-effiċjenza enerġetika.

L-UE kienet attiva wkoll f'fora multilaterali biex tinsisti għal tranżizzjoni globali tal-enerġija allinjata mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Hija appoġġat l-iżvilupp ta' suq globali tal-idroġenu. Fl-2022 ġew iffirmati ftehimiet bilaterali mhux vinkolanti mal-Ukrajna, l-Eġittu, il-Ġappun, in-Namibja, u l-Każakistan biex tiġi żviluppata d-domanda għall-idroġenu rinnovabbli jew biex jingħata kontribut għall-**produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tal-idroġenu**.

F'Diċembru li għadda, il-COP15 dwar il-Bijodiversità adottat il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal. L-UE kkonfermat mill-ġdid l-impenn tagħha li tipprovdi EUR 7 biljun f'appoġġ għall-**bijodiversità** bħala parti mill-kooperazzjoni esterna tagħha.

Il-Kummissjoni adottat **aġenda ġdida tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani**[21] li tirrifletti l-prijoritajiet stabbiliti skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

L-UE żiedet ukoll l-involviment tagħha mal-pajjiżi sħab biex tappoġġa **l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli (SCP)**, b'mod partikolari t-tranżizzjoni tal-ekonomija ċirkolari, bl-implimentazzjoni ta' SWITCH to Green, inklużi programmi reġjonali fl-Asja, l-Afrika, u l-Mediterran.

Il-Kummissjoni nediet l-**inizjattiva Afrika-Ewropa dwar l-enerġija ekoloġika** biex iżżid il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli bi 300 gigawatt u tiżgura aċċess għal enerġija affordabbli, affidabbli u sostenibbli.

Wara t-tnedija tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan fil-COP26, l-UE appoġġat l-iżvilupp tal-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan, ġestit mill-programm ambjentali tan-NU, għall-ġbir dettaljat tad-*data*, il-bini tal-kapaċità u l-azzjonijiet ta' appoġġ għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan.

## Id-diġitalizzazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni

Taħt il-Global Gateway, fl-2022 sar progress kbir fil-programmi diġitali inkluż fl-Afrika sub-Saħarjana bl-inizjattiva ewlenija tad-*data*, il-Gateway EurAfrica (kejbils sottomarini internazzjonali) u l-Backbones tal-Fibrottika Reġjonali fl-Afrika (konnessjonijiet terrestri reġjonali/transfruntiera). Barra minn hekk, fin-Niġerja tnieda l-ewwel pakkett tal-ekonomija diġitali tal-Global Gateway b'valur ta' EUR 820 miljun mill-Viċi President Eżekuttiv Vestager.

[21] JOIN/2022/28 final tal-24 ta' Ġunju 2022.

Il-fergħa reġjonali tal-Asja u l-Paċifiku tal-pjattaforma taċ-**Ċentru Diġitali għall-Iżvilupp (D4D Hub)** tnediet fil-Forum Indo-Paċifiku fi Frar. Il-fergħa tal-Amerka Latina u l-Karibew ġiet stabbilita matul l-2022, u l-fergħa tal-Afrika kompliet timplimenta diversi inizjattivi ewlenin bħall-proġett D4D Hub bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE u IDEA.

Sar progress lejn it-tnedija ta' **Alleanza Diġitali UE-LAC**, appoġġata mid-D4D Hub, li tiżgura finanzjament għall-istabbiliment ta' djalogu ta' politika diġitali UE-LAC, l-espansjoni tal-programm BELLA għall-infrastruttura diġitali, il-ħolqien ta' aċċelleratur diġitali għan-negozji, u l-implimentazzjoni ta' programm reġjonali Copernicus.

It-tieni fażi tal-**Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà u l-Afrika (GMES&Africa)**, l-aktar inizjattiva sinifikanti għall-osservazzjoni tad-Dinja u l-monitoraġġ globali għall-kollaborazzjoni ambjentali u tas-sigurtà bejn l-Afrika u l-UE, inbdiet b'suċċess.

Il-pakkett ta' investiment tal-Global Gateway Afrika-Ewropa jipprevedi tliet inizjattivi ewlenin b'enfasi speċjali fuq ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni insostenn tal-Aġenda ta' Innovazzjoni bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE, taċ-Ċentri Reġjonali ta' Eċċellenza għat-tranżizzjoni ekoloġika, u tat-teknoloġiji tal-osservazzjoni tad-dinja u tal-ispazju.

## It-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi.

Fl-2022, l-UE tat appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv kif ukoll għall-ħolqien ta' impjiegi deċenti fil-pajjiżi sħab billi ffaċilitat il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament pubbliku u privat. L-*Investing in Sustainable Development Report*[22] dwar l-implimentazzjoni tal-**Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa** ġie ppubblikat.

Il-Faċilità ta' esperti tal-UE dwar l-impjiegi, ix-xogħol u l-protezzjoni soċjali (**SOCIEUX+**) estendiet l-operazzjonijiet tagħha għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent b'finanzjament ta' EUR 10 miljun.

Il-Kummissjoni kompliet tesplora **sħubijiet strateġiċi bilaterali dwar il-ktajjen tal-valur tal-materja prima**, b'mod partikolari mas-sħab fl-Afrika (eż. in-Namibja), l-Amerka Latina, il-Balkani tal-Punent u l-Asja Ċentrali (eż. il-Każakistan), permezz ta' Memoranda ta' Qbil.

F'Novembru, il-Kummissjoni kkonkludiet negozjati mar-Repubblika tal-Angola dwar Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli li se jgħin biex jattira u jżid l-investimenti filwaqt li jintegra l-impenji ambjentali u tad-drittijiet tax-xogħol.

It-*2022 Aid for Trade Progress Report*[23] ikkonferma li l-għajnuna għall-kummerċ (AfT) tal-UE għenet lill-pajjiżi sħab iżidu l-kapaċità kummerċjali u jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19. L-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom il-provdituri ewlenin tal-AfT globali.

---

[22] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali, *Investing in sustainable development: progress report 2018-2020*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, https://data.europa.eu/doi/10.2841/156351.

[23] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali, *EU aid for trade: progress report 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, https://data.europa.eu/doi/10.2841/005862.

## Migrazzjoni u ċaqliq sfurzat

Il-biċċa l-kbira tar-rotot migratorji lejn l-UE raw żieda fl-għadd fl-2022, b'mod partikolari r-rotot tal-Mediterran ċentrali u tal-Lvant u mill-Balkani tal-Punent. Globalment, l-għadd ta' persuni spostati b'mod furzat laħaq il-100 miljun għall-ewwel darba, filwaqt li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna rriżultat f'miljuni ta' spostamenti addizzjonali.

Sabiex juru l-impenn konġunt tagħhom, f'Diċembru, l-UE u l-Istati Membri tagħha nedew żewġ inizjattivi ewlenin reġjonali tat-Tim Ewropa biex isaħħu l-ġestjoni tal-migrazzjoni, b'mod partikolari tul ir-rotot tal-migrazzjoni ċentrali u tal-Punent tal-Mediterran u tal-Atlantiku. F'Diċembru, il-Kummissjoni ppreżentat pjan ta' azzjoni tal-UE li jindirizza l-isfidi tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent.

Fl-2022, ġie adottat pakkett ieħor ta' EUR 310 miljun biex jappoġġa l-popolazzjoni spostata Sirjana fis-Sirja u r-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti vulnerabbli fl-Iraq, il-Ġordan u l-Libanu[24]. Flimkien, l-UE u l-Istati Membri tagħha baqgħu l-akbar donatur b'reazzjoni għal din il-kriżi. Il-**Konferenza VI ta' Brussell "Supporting the future of Syria and the region"** immobilizzat wegħdiet li jammontaw għal EUR 6,4 biljun.

## Governanza, paċi, sigurtà u drittijiet tal-bniedem

L-azzjoni tal-UE kkontribwiet għal Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja billi ppromoviet approċċ integrat għal konflitti u kriżijiet esterni, inkluż appoġġ għall-bini tal-paċi u r-reżiljenza, **ir-riforma tas-settur tas-sigurtà u tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp (CBDSD).**

Fl-**Afganistan**, l-UE ffukat fuq il-prevenzjoni tal-kollass tal-pajjiż, konxja tar-riperkussjonijiet soċjali u ekonomiċi potenzjali ġewwa u barra l-Afganistan. Ingħatat attenzjoni partikolari lid-drittijiet tan-nisa u l-bniet u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Twaqqaf il-Forum għall-Mexxejja Nisa Afgani.

L-UE kompliet tiddefendi u tavvanza d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija bl-użu tal-għodod multilaterali, reġjonali u bilaterali tagħha u bi djalogu mas-soċjetà ċivili. Flimkien man-Network dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (HRDN), l-UE organizzat b'mod konġunt **l-24 Forum bejn l-Unjoni Ewropea u l-NGOs dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**[25], li ffoka fuq ir-responsabbiltà u l-ġustizzja. Barra minn hekk, l-UE ġeddet u żiedet b'mod sinifikanti l-appoġġ tagħha għall-mekkaniżmu ProtectDefenders.eu, li fl-2022 ipprovda appoġġ lil aktar minn 6 500 difensur tad-drittijiet tal-bniedem l-aktar f'riskju.

Fl-2022, il-Kummissjoni allokat EUR 170 miljun lill-**Jemen**, li għadu waħda mill-agħar kriżijiet umanitarji fid-dinja. Miljuni ta' ċittadini tal-Jemen sfaw spostati, morda u bi problemi ta' nutrizzjoni.

# FIRXA GLOBALI

## Afrika Sub-Saħarjana

Is-**sitt Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana** adotta viżjoni konġunta għal sħubija mġedda, ikkomplementata mill-pakkett ta' investiment tal-Global Gateway. Il-**11-il laqgħa Kummissjoni ma'**

[24] Inklużi EUR 240 miljun f'għajnuna umanitarja.
[25] https://www.eeas.europa.eu/eeas/stop-impunity-%E2%80%93-road-accountability-and-justice_en

**Kummissjoni** bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana saret fit-28 ta' Novembru u kopriet l-ispettru kollu tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana.

Taħt il-**programm Youth Mobility for Africa**, ingħataw 36 proġett ta' bini tal-kapaċità tal-Erasmus+ f'31 pajjiż.

L-UE u n-Namibja ffirmaw memorandum ta' qbil f'Novembru biex jistabbilixxu sħubija strateġika dwar ktajjen tal-valur sostenibbli għall-materji primi u l-idroġenu rinnovabbli.

## L-Asja u l-Paċifiku

L-UE ospitat l-ewwel **Summit UE-ASEAN** (Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja) fi Brussell f'Diċembru, li mmarka 45 sena ta' relazzjonijiet diplomatiċi. L-avveniment nieda **djalogu ġdid dwar l-enerġija bejn l-UE u l-ASEAN** biex jappoġġa t-tranżizzjoni tal-enerġija u l-integrazzjoni reġjonali tas-sistemi tal-enerġija, u inizjattivi tal-Global Gateway li jimmobilizzaw investiment ta' EUR 10 biljun. Fil-marġini tas-summit, ġew iffirmati ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni mal-**Malażja** u t-**Tajlandja**. F'Ottubru, l-UE u l-ASEAN iffirmaw ukoll il-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-ASEAN, l-ewwel ftehim li qatt sar dwar l-avjazzjoni bejn reġjun u ieħor.

Fit-28 **Summit bejn l-UE u l-Ġappun**, l-UE u l-Ġappun wiegħdu li jikkooperaw biex jirrispettaw l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u qablu dwar l-ewwel sħubija diġitali tal-UE.

F'Settembru, ġie organizzat l-ewwel Forum bejn l-UE u l-Indja dwar l-Idroġenu Ekoloġiku insostenn tal-involviment tas-settur pubbliku u privat fl-iżvilupp tal-idroġenu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija Indjana.

L-UE u l-Istati Membri tagħha kienu rapidi biex jappoġġaw lill-**Pakistan** wara għargħar f'Ġunju li affettwa miljuni ta' nies.

Fl-2022, l-appoġġ baġitarju tal-UE ppermetta lil 750 000 tifel u tifla barra mill-iskola jaċċessaw l-edukazzjoni permezz ta' 25 309 ċentri ta' tagħlim fil-**Bangladesh**.

Il-**Konferenza dwar il-Konnettività bejn l-UE u l-Asja Ċentrali** f'Samarkand avvanzat l-inizjattivi ta' konnettività reġjonali u ddiskutiet il-ħtieġa li jiġu identifikati konnessjonijiet tat-trasport, diġitali u tal-enerġija sostenibbli, affidabbli u effiċjenti bejn l-Ewropa u l-Asja Ċentrali. Il-Konferenza ħabbret ukoll it-tnedija ta' inizjattiva tal-Global Gateway għall-konnettività diġitali[26].

Is-sħubija bejn l-UE u l-**Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf** kisbet momentum ġdid fl-2022 b'sessjoni tal-Kunsill Konġunt fi Frar, li approvat programm ambizzjuż ta' azzjoni konġunta ta' 5 snin. F'Mejju, l-UE adottat il-Komunikazzjoni Konġunta "*A strategic Partnership with the Gulf*"[27].

Saru wkoll djalogi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fir-reġjun permezz ta' konferenzi fit-Turkmenistan, fir-reġjun tax-Xlokk tal-Asja u fiċ-Ċina.

[26] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP_22_6963
[27] JOIN(2022) 13 final tat-18 ta' Mejju 2022.

## Amerka Latina u Karibew

Fis-27 ta’ Ottubru, il-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-**Komunità ta’ Stati tal-Amerka Latina u tal-Karibew (CELAC)** u l-UE ltaqgħu għall-ewwel darba mill-2018 fi Buenos Aires.

F’Diċembru, l-UE u ċ-Ċilì kkonkludew il-**Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-UE u ċ-Ċilì**, li jaġġorna l-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bilaterali eżistenti.

Fit-22 ta’ Ġunju, il-President von der Leyen u Pedro Sánchez, il-Prim Ministru ta’ Spanja, nedew **sħubija ġdida bejn l-UE u l-ALK** dwar il-manifattura lokali ta’ vaċċini, mediċini u teknoloġiji oħra tas-saħħa, u dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa.

Il-kriżi soċjoekonomika u politika tal-**Venezwela** kompliet b’aktar minn 14-il miljun ruħ stmati li huma fil-bżonn u aktar minn 7 miljun Venezwelan li telqu minn pajjiżhom. Il-kontribut tal-UE għal operazzjonijiet ta’ sokkors multisettorjali fil-Venezwela u r-reġjun usa’ appoġġaw madwar 3,1 miljun persuna vulnerabbli.

## Il-Viċinat Ewropew

Fil-Viċinat tal-Lvant, l-2022 kienet iddominata mill-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u tisħiħ tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi sħab tal-Lvant tal-UE (l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna). L-UE baqgħet tappoġġa wkoll b’mod aktar b’saħħtu lill-poplu tal-Belarussja.

F’Diċembru, il-Ministri tal-Affarijiet Barranin mill-UE u l-pajjiżi sħab tal-Lvant affermaw mill-ġdid ir-rilevanza tal-**aġenda tas-Sħubija tal-Lvant**, filwaqt li rrikonoxxew il-ħtieġa li tiġi aġġustata l-implimentazzjoni fid-dawl tal-ġrajjiet attwali.

L-UE ffaċilitat it-taħditiet ta’ paċi bejn **l-Armenja u l-Ażerbajġan** u bagħtet missjoni ta’ politika ta’ sigurtà u ta’ difiża komuni fl-Armenja, l-ewwel waħda għal pajjiż tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollettiva. L-UE kompliet ukoll tipprovdi għajnuna umanitarja liż-żewġ naħat.

Il-Memorandum ta’ Qbil dwar l-enerġija ffirmat mal-**Ażerbajġan** f’Lulju se jsaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tal-UE u jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ażerbajġan.

Permezz ta’ appoġġ qawwi għas-soċjetà ċivili u l-media indipendenti **Belarussa**, l-UE għenet biex tippreserva l-involviment ċiviku u l-ilħna ħielsa quddiem repressjoni brutali mir-reġim ta’ Lukashenko.

L-UE pprovdiet appoġġ qawwi għar-reżiljenza tal-Moldova u żiedet il-kooperazzjoni fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża (inkluż il-kooperazzjoni dwar it-theddid ibridu, iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, u miżuri ta’ assistenza għall-forzi armati tal-Moldova taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi). F’Marzu, tnieda Djalogu Politiku u ta’ Sigurtà ta’ Livell Għoli. L-UE kompliet tipprovdi miżuri għall-bini tal-fiduċja biex tinkoraġġixxi s-soluzzjoni tal-konflitti.

Fil-**Georgia**, l-UE għenet biex titnaqqas il-vulnerabbiltà tal-pajjiż għat-theddid ibridu u ċibernetiku u appoġġat il-modernizzazzjoni tal-forzi tad-difiża permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi. Hija kompliet tkun involuta b’mod attiv fl-isforzi għar-riżoluzzjoni tal-konflitti, pereżempju permezz tal-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia u l-missjoni ta’ monitoraġġ tal-UE.

Fir-raba’ laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Viċinat tan-Nofsinhar li saret f’Barċellona fl-24 ta’ Novembru, l-UE u s-sħab tagħha kkonfermaw l-impenn tagħhom għat-tisħiħ tar-rabtiet ta’ sħubija Mediterranji. Huma impenjaw ruħhom ukoll li jindirizzaw l-aktar sfidi ekonomiċi, soċjali, ambjentali u ta’ sigurtà li kienu urġenti, b’enfasi fuq il-konsegwenzi tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, speċjalment l-implikazzjonijiet għall-enerġija u s-sigurtà tal-ikel.

F’Ottubru, ġiet iffirmata s-**Sħubija Ekoloġika bejn l-UE u l-Marokk**. Il-programm *Énergie Verte* ta’ EUR 50 miljun għandu l-għan li jagħti spinta lit-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Marokk, filwaqt li l-programm *Terre Verte* ta’ EUR 115-il miljun jappoġġa l-iżvilupp sostenibbli tal-forestrija u l-agrikoltura.

F’Novembru, l-UE u l-Eġittu intensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom fit-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa billi ffirmaw memorandum ta’ qbil rigward sħubija strateġika dwar l-idroġenu rinnovabbli. Ftehim trilaterali mal-Eġittu u Iżrael jipprovdi l-qafas għall-konsenja tal-gass Iżraeljan lill-UE permezz tal-kapaċità ta’ likwefazzjoni tal-Eġittu.

## Il-Balkani tal-Punent u t-Turkija

Fl-2022, l-UE baqgħet impenjata li tippromwovi l-perspettiva Ewropea tar-reġjun u, f’Lulju, fetħet il-proċess ta’ negozjati mal-**Maċedonja ta’ Fuq** u l-**Albanija**. Tat ukoll status ta’ kandidat lill-**Bożnija-Ħerzegovina** f’Diċembru u laħqet ftehim dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża għall-Kosovo[28]. Fis-6 ta’ Diċembru, sar **l-ewwel Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent** f’Tirana.

Il-qafas ta’ politika ewlieni għall-fondi tal-IPA III għadu l-Pjanijiet Ekonomiċi u ta’ Investiment u l-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent, implimentati permezz tal-**Qafas ta’ Investiment għall-Balkani tal-Punent**. Fl-2022, ġew approvati 40 programm emblematiku, li mistennija jingranaw EUR 5,7 biljun ta’ investiment.

Kisba kbira f’Novembru kienet l-adozzjoni rapida ta’ pakkett ta’ **appoġġ għall-enerġija bla preċedent ta’ EUR 1 biljun għall-Balkani tal-Punent** b’rispons għall-kriżi tal-enerġija.

It-**Turkija** tospita l-akbar popolazzjoni ta’ refuġjati fid-dinja. Permezz ta’ żewġ programmi umanitarji emblematiċi, l-UE pprovdiet assistenza fi flus kontanti lil kważi 1,5 miljun persuna u appoġġat aktar minn 800 000 tifel u tifla u l-familji tagħhom fl-aċċess għall-edukazzjoni.

## Il-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej (PTEE)

Il-PTEE għandhom rabtiet kostituzzjonali speċjali ma’ tliet Stati Membri: id-Danimarka, Franza, u n-Netherlands.

Id-**19-il Forum Annwali bejn l-UE u l-PTEE** ġie ospitat minn New Caledonia fit-22 ta’ Novembru. Il-PTEE għandhom rwol dejjem aktar strateġiku għall-UE, huma ambaxxaturi importanti għall-UE fir-reġjuni tagħhom u għandhom assi sinifikanti, bħal żoni ekonomiċi esklużivi vasti.

Fil-Karibew, il-**Programm “RESEMBID”** jgħin lill-PTEE kollha fir-reġjun fit-tisħiħ tar-reżiljenza, l-enerġija sostenibbli u l-bijodiversità tal-baħar. Ix-xogħol marbut mal-bijodiversità kien ta’ benefiċċju għall-ħabitats f’sitt PTEE u madwar 400 000 ċittadin u resident.

[28] Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.